# IL-LEJLA MAGIKA

Filippo kien wasal biex jaghlaq il-kompjuter ghax kien ghejja jirrispondi l-emails, meta hoss ta' qampiena wissieh li kellu email minghand habibu Luciano. Qrah u sab stedina biex jghaddi erbat ijiem ghandu gewwa SanGovese ghall-festa tal-lejla magika. Accetta mill-ewwel u bla dewmin irrispondih.

Luciano kien ilu jippassigga tul il-pjattaforma ta' l-istazzjon tal-ferrovija, Santa Maria della Neve, ghal aktar minn hmistax-il minuta, jistenna lil habibu, lit-tabib Filippo jasal mill-belt. Dahal gewwa ghax bdiet niezla l-borra, resaq lejn il-kap ta' l-istazzjon u staqsieh: "Tista' tghidli kemm ghad fadlilha biex tasal it-tren?"

"Mill-informazzjoni li ghandi fuq il-kompjuter jonqsoha xi 20 minuta ohra, ghax qabel ma bdiet il-vjagg kellhom jibdlu l-lokomottiv, billi kien bil-hsara."

"Grazzi ," wiegeb Luciano u ntasab bil-qieghda jahseb fuq it-tfulija tieghu u ta' habibu Filippu. Meta kibru hu ghazel it-trieq ta' bejjiegh filwaqt li Filippo kompla jistudja biex lahaq tabib. In-negozju u l-bejgh ta' l-ghamara tad-dar, lil Luciano hadu f'diversi bliet u rhula, izda kien hawn fir-rahal ta' SanGovese, li ltaqa' ma' tfajla jisimha Emilia, li aktar 'l quddiem saret martu. Kellu jhalli n-negozju u jmur joqghod gewwa SanGovese, rahal mdaqqas, imdawwar b'muntanji

gholja u pittoresk ghal ahhar. Kull abitant tar-rahal kien jghix mit-turizmu tax-xitwa meta hafna turisti kienu jigu biex jiskijjaw fuq is-silg tal-muntaniji.

Is-sajf kien jara turisti ohra li jigu bil-coaches, joqoghdu ghal xi saghtejn jistriehu, biex jaqsmu l-vjagg twil, u filwaqt li jgawdu x-xenarju naturali li bih kien imzejjen ir- rahal, jieklu xi haga qabel ikomplu. U Luciano, minn negozjant ta' l-ghamara qaleb ghal-xoghol li kien ihallilu qligh sew mit-turizmu. Meta kien qed jibni d-dar huwa bena' zewgt ikmamar zghar u hanut li hu fetah bhala wiehed tax- xorb. Il-kmamar kien jikrihom lit-turisti li kienu jigu jqghattu xi jiem ghal-vakanzi tax-xitwa bhalma kienet taghmel kull familja ohra. Lukandi ma kienx hemm hlief ghal wahda mdaqqsa li dejjem kienet tkun mimlija bhalma kienu l- kmamar tat-turisti fid-djar tar-rahal. Kien hemm min thajjar li jibni xi lukandi, izda malajr habbat wiccu' mal-protesti tar- rahhala billi dawn ma ridux jibdlu l-ambjent fejn kienu joqghodu. Dawk li ma kienux isibu lok fejn idahhlu rashom kienu joqghodu fil-lukandi go irhula fil-qrib xi nofs siegha boghod.

Bi hsibijiet bhal dawn, il-hin malajr ghaddha u l–hoss tat-tren li kienet waslet waqfitlu hsibijietu. Malli rah niezel mit-tren, Luciano gera' lejn Filippo biex jaghtih il-merhba t-tajba. Hadlu wahda mill-bagalji u mxew lejn karozza zghira li biha Luciano gie biex jigbru. Ghad -dar kien hemm biss kwarta boghod billi l-istazzjon kien fil-periferija ta' SanGovese.

Fi triqthom lejn id-dar ta' Luciano, Filippo induna kemm habibu kellu ragun jiftahar bir-rahal fejn kien joqghod. "Tassew laqghatni mill-ftit li ghadni kemm rajt tar-rahal fejn

toqghod, Lucian, sa minn malli rfist l-istazzjon .”

“U dan ghadu m’hu xejn Filippo. Dak li ghad tara tahsbek li qed tara kartolina,” wiegbu Luciano.

Billi Filippo kien bniedem li jrid ikun jaf l-istorja wara kull haga  staqsieh: “ Ghaliex l-istazzjoni tar-rahal jismu Santa Marija delle Neve?

“Storja twila, izda nirrakontahielek fi ftit kliem. SanGovese dejjem ghex minn fuq it-turist. U meta s-silg jibda’ niezel minn nofs Novembru ghid li ser ikollna stagun tajjeb. Izda gara li daqs 15 il-sena ilu s-silg ma nizilx qabel nofs Dicembru u biex is-sitwazzjoni tkompli tiggrava nizel f’daqqa, hekk li t-toroq intlew b’tant silg li kull moviment sar impossibbli. Kulhadd beza’ li dik id-darba konna ser inbatu tassew ghax l-istagun idum ma jidhol. Hawn poplu devot u kulhadd talab lil Madonna biex tintercedi hi ghall-htigijiet tar-rahal . It-talb instema’ ghaliex il-maltemp waqaf u fi zmien gimgha t-toroq infethu u bdejna naraw it-turisti dehlin ftit ftit. U bhala radd il-hajr il- poplu semma’ l-istazzjon Santa Marija delle Neve. Qabel din il-grajja l-istazzjon kien jismu biss SanGovese. Aktar minn hekk il-fratellanza msejha tat-Tre Re qabbdet skultur biex jiskolpixxi statwa kbira ta’ Marija bil-Bambin Gesu’ mis-silg u tithalla fejn jaraha kulhadd. Xtaqna kieku li din tibqa’ tul ix- xitwa kollha izda fi ftit jiem kienet tisfigura ruhha. Ghalhekk xi hadd gieh il-hsieb li l-iskultur jahdem din ix-xbiha mir- ramel , titpogga taht tinda biex tehles mill-qilla tan-natura u titgawda x-xitwa kollha. U hekk baqa’ jsir minn dak inhar ‘l hawn. Titwaqqaf fil-21 ta’ Dicembru u titnehha fl-20 ta’ Marzu. U biex tibqa’

izzomm it-titlu ta’ santa Marija delle Neve, jitqieghed is-silg madwarha, li jimbidel kull meta jinhall.”

Fil-jiem li qatta fil-villagg hassu f’dinja ohra. Il-belt li fiha kien joqghod ma kienitx toffri kwiet, paci u arja pura bhal SanGovese. Filippo kien jissahhar jippassiga fir-rahal. Dak l-ilma li kien jinzel mill-muntanji u jserrep fi xmara minn go nofs ir-rahal qatt ma kien ra bhalu. Naha wahda tar-rahal kien maghqud ma’ l-ohra permezz ta’ diversi pontijiet, hekk li sthajlu li dan il-lokal kien Venezja ckejkna.

Il-vakanza kienet imhawra minn kollox. Ma tistax tmur Ruma u ma tarax il-Papa. Hekk ukoll ma tistax tmur SanGovese fix-xitwa u ma tmur tiskijja fuq is-silg. Minkejja li ma marx ippreparat biex jipprattika dan l-isport ghax qatt f’hajtu ma skijja u fuq kollox ma kellux l-appart mehtieg, habibu Luciano selfu l-apparat ta’ ibnu li kien juza’ biss il-Hadd meta jiehu jum mistrieh mit-tverna.

“Ghal daqshekk; tinkwieta xejn. Hemm tat-tifel. Dak matul il-gimgha jahdem fit-tverna; juzah biss fil-jum tal-Hadd meta ommu Emilja tbiddlu biex ikun jista jiehu ftit mistrieh.”

Hekk qallu u hekk sar. Luciano ghallem lil habibu t-tattika u t-teknika kif jiskijja u fi ftit sighat Filippo seta’ jiskijja minghajr ghajnuna. Ma kienitx ser taqa’ id-dinja kieku waqa’ ghax bhalu kienu hemm gzuz li jigrilhom hekk.

Billi Luciano kien jaf li habibu kien delitant tas-sajd hadu xi darbtejn fuq il-lag. Meta ra l-lag hekk kbir imhaddan bejn il-muntanji Filippo sklama: “Tassew in-natura zejnitkom bil-

kif.”

Li kieku Filippo ma kienx marbut bix-xoghol tieghu fl-isptar kien jittrasferixxi ruhu hemm. Imma qal f’qalbu: “Dement li jiena hawn, niehu li nista’.”

Iz-zmien li kellu jgawdi l-vakanza kien qed joqrob lejn it-tmiem. Imma l-kbir, kif qallu Luciano kien ghadu gej.

Kien lejlet il-festa tat-Tre Re. Inzertat il-kesha, bil-borra niezla hafif, izda bla rih u xita. “Filippo, il-qofol tal-festi tal-Milied ghalina jibda’ l- lejla, lejliet il-festa tat-Tre Re. Hawn ma nsibuhiex bhala l- festa tal-Befana. Quddiemna l-lejla jibda’ l-Lejl Magiku, mis- 6 ta’ filghaxija sa kmieni filghodu”, qallu Luciano.

Meta qorob il-hin Luciano u Filippo telqu lejn il-knisja. Quddiem il-knisja tar-rahal kien hemm wieqfa tinda b’zewg screens tat-televizjoni u ghadd kbir ta’ siggijiet irrangati f’ringili.

“Postna ahna quddiem nett gol-knisja bhala membri tal-fratellanza tat-Tre Re. Dawn is-siggijiet ghal min ma jkunx lahaq post fil-knisja.”

“Imma jiena mhux fratell,”qallu Filippo.

“Ghal kollox hsibt. Iddubajtlek kunfratija, issa xiddha fuqek u tkun wiehed minna ghal din il-lejla.”

Filippo ghamel kif qallu Luciano . Il-knisja malajr intliet, bejn

ghax ma kienitx xi wahda kbira u anke minhabba li bosta nies kienu jattendu mill-inhawi tal-vicin u jghaddu l-lejl fit-tverni gor-rahal sa kmieni filghodu, jieklu u jixorbu wara li tkun intemmet il-festa nterna.

Ma damitx ma bdiet il-quddiesa. Mis-sagristija bdiet hierga l-purcissjoni bil-fratelli tal-konfraternita' tat-Tre Re li sabu posthom fis-siggijiet rservati ghalihom. Filippo intebah li l-membri kienu numeruzi.

Fl-ahhar nett hargu t-tlett rejiet, Gaspare, Melkjor u Baltasar, segiwti minn tlett qaddejja ma' kull wiehed minnhom. Qaddej quddiem kull re kien qed jerfa' plakka ta' l-injam biex juri isem is-sultan tieghu,  filwaqt li qaddej iehor kellu r-rigal u l-iehor kien qed izzomm l-mantar twil ta' sidu.

L-ewwel qaddej kellu kaxxa ta' l-injam indurata bid-deheb biex ifisser id-deheb, iehor kellu flixkun skur tal-hgieg biex ifisser il-mirra u ta' l- ahhar bacil tal-fidda li jfisser ir-recipjent ghal incens.

Hekk kif bdiet il-quddiesa il-qaddejja li kienu jzommu l-mantar nehhewlhom il-kuruna minn fuq rashom u poggewhielhom hdejh saqajhom. Meta ntemmet il-quddiesa, sar programm qasir ta' kant tal-Milied, bl-aktar li jispikkaw kienu l-innu "Tu Scendi dalla Stelle" u l-kanzunetta "Caro Gesu' Bambino", it-tnejn kantati minn tifel u tifla ta' disa' snin. Il-folla qamet u capcpet ghal bosta hin b'sinjal ta' rikonoxximent. Matul il-programm l-qaddejja tar-rejiet ghaddew minn qalb il-folla jigbru l-offerti ghall-karita' fir-recipjenti tar-rigali.

Wara kien imiss li issir il-purcissjoni lejn il-Madonna tas-Silg. B'ordni kbira il-poplu flimkien mac-celebrant u l-konfraternita' tat-Tre Re mxew f'purcissjoni , kulhadd b'torca f'idejh, ikanta innijiet tal-Milied segwiti minn noti helwin tal-banda ckejkna tar-rahal. Kienet tassew xena kommoventi tara dawk il- kwantita' ta' dwal naturali iteptpu ma' kull ziffa rih hafifa fid-dalma tal-lejl. Mal-wasla tar-rejiet, ir-rigali li kienu jgorru l- qaddejja tar-rejiet tqeghdu f'riglejn ix-xbiha ta' Marija bil-Bambin Gesu' u San Guzeppi hdejhom. Il-kappillan imbaghad habbar li dik is-sena  l-offerti tal-kaxxa tad-deheb kienu ser imorru ghaz-zamma tal-knisja tar-rahal, l-offerti mitfugha fil-flixkun kienu ser imorru ghall-missjoni tal- kappucini fil-Kenya u dawk tal-bacil kienu ser jghaddu ghad- dar tax-xjuh, Santa Rosalija.

Kulhadd kien sodisfatt li l-lelja magika ntemmet wicc il-gid bin-natura tkun hanina biex ma ittellifx il-festi. Wara li ntemm kollox xi uhud irritornaw lejn djarhom biex ikomplu jiddevertu b'ikel u xorb imhejji ghal okazzjoni. Dawk li ma kellhom ebda irbit ta' tfal imlew it-tverni jieklu u jixorbu u jkantaw mal-muzika ta' l-akkordjan. Ma' l-ghabex kulhadd mar lura lejn daru biex jistrieh.

Meta kienu fit-tverna Filippo qal lil habibu: " Taf x'kien jonqos fil-mixja lejn il-Madonna tas-Silg? Li l-Magi flok jimxu jkunu rekbin l-iglma."

"Taf li biex tkun taf fil-laqgha tal-konfraternita' kien hemm min gietu din l-idea u xi whud issekondawha. Il-kumitat qal li bi hsiebu jistudjaha ghax kif qal hu tkun aktar naturali."

Luciano u Filippo damu jixxalaw fit-tverna sas-sighat bikrin

ta’ filghodu.

Meta Filippo qam ghall-habta ta’ nofs in-nhar fil-jum tat-Tre Re sab medja mimlija ikel kollha prodotti tal-lokal. It-toroq tar-rahal ftit li xejn kienu jaraw nies f’dan il-jum billi kull familja kienet tkun migbura tiddeverti flimkien f’dan l-ahhar jum tal-festi tal-Milied.

Kienet l-ahhar lejla ghal Filippo ghax l-ghada kellu jaqbad it-tren u jirritorna lejn il-belt.